MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2007

Numru. 268/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Anthony Buttigieg bin Paul u Rosaria nee` Portelli residenti "Maple Leaf" Triq il-Qala, Nadur, Ghawdex, ID. 75043 (G)**

**Joseph Buttigieg bin Anthony u Josephine nee` Cordina residenti "Maple Leaf", Triq il-Qala, Nadur, Ghawdex, ID 3981(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputatazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Anthony Buttigieg u Joseph Buttigieg u cioe` illi ghal habta ta' 10.30 hrs fi Triq Furtunato Mizzi, Rabat, Ghawdex:

1. bhala persuna li fuq ismu ghandu licenzja tal-pulizija sabiex izomm jew ikollu fil-pussess tieghu armi regolari u cioe senter Benelli M459758 naqas li izomm din l-arma b'tali mod li din ma setghetx tigi f' idejn haddiehor (Art 47 (1) Kap 480).

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-artikoli indikati.

Semghet l-ammisjoni ta' l-imputat Anthony Buttigieg.

Fil-konfront ta' l-imputat Anthony Buttigieg, wara li rat l-artikolu 47(1) tal-Kapitolu 480 tal-ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssibu hati u tikkundannah ghall-multa ta' mitt Lira Maltin (Lm100).

Fil-konfront ta' l-imputat Joseph Buttigieg peress illi huwa mhuwiex il-licencee ghar-rigward ta' l-arma in kwistjoni, l-akkuza ma tirrizultax u dan wara li rat l-artikoli 47(1) tal-Kapitolu 148 tal-ligijiet ta' Malta, l-akkuza ma tirrizultax fil-konfront tieghu u ghalhekk tilliberah mill-akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------